# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

11 ta' Ottubru 2007 *

Fil-Kawżi magħquda C-283/06 u C-312/06,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa minn Zala Megyei Bíróság (l-Ungerija) (C-283/06) u mill-Legfelsőbb Bíróság (l-Ungerija) (C-312/06), permezz ta' deċiżjonijiet tas-16 ta' Jannar u ta' l-10 ta' Lulju 2006, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ġunju u fit-18 ta' Lulju 2006, fil-proċeduri

**KÖGÁZ rt,**

**E-ON IS Hungary kft,**

**E-ON DÉDÁSZ rt,**

**Schneider Electric Hungária rt,**

**TESCO Áruházak rt,**

**OTP Garancia Biztosító rt,**

**OTP Bank rt,**

**ERSTE Bank Hungary rt,**

**Vodafon Magyarország Mobil Távközlési rt** (C-283/06)

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

vs

**Zala Megyei Közigazgatási Hivatal Vezetője,**

u

**OTP Garancia Biztosító rt** (C-312/06)

vs

**Vas Megyei Közigazgatási Hivatal,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President ta' l-Awla, G. Arestis, R. Silva de Lapuerta, J. Malenovský u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Ġunju 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal KÖGÁZ rt, E-ON IS Hungary kft, E-ON DÉDÁSZ rt, Schneider Electric Hungária rt, TESCO Áruházak rt, OTP Garancia Biztosító rt, OTP Bank rt u ERSTE Bank Hungary rt, minn P. Oszkó, ügyvéd,

— għal Vodafon Magyarország Mobil Távközlési rt, minn D. Deák, ügyvéd,

— għall-Gvern Ungeriż, minn J. Fazekas u R. Somssich, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Triantafyllou u V. Bottka, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Fil-kawża C-283/06, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-punt 3(a) tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness X ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati

li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni"), u, min-naħa l-oħra , l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1), kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali, id-Direttiva 77/388 (ĠU L 376, p. 1, aktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn disa' kumpanniji Ungeriżi KÖGÁZ rt, E-ON IS Hungary kft, E-ON DÉDÁSZ rt, Schneider Electric Hungária rt, TESCO Áruházak rt, OTP Garancia Biztosító rt, OTP Bank rt, ERSTE Bank Hungary rt, Vodafon Magyarország Mobil Távközlési (aktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti prinċipali fil-kawża C-283/06") kontra Zala Megyei Közigazgatási Hivatal Vezetője (Direttur ta' l-Awtorità Amministrattiva tal-provinċja ta' Zala, aktar 'il quddiem il-"konvenut prinċipali fil-kawża C-283/06") dwar pagamenti akkont ta' taxxa lokali fuq in-negozju li l-imsemmija kumpanniji kienu ġew ordnati li jħallsu f'dak li jirrigwarda s-sena finanzjarja 2005.

3 Fil-kawża C-312/06, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa tal-Kapitolu 4(3)(a) ta' l-Anness X ta' l-Att ta' Adeżjoni, u, min-naħa l-oħra, ta' l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva.

4 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn OTP Garancia Biztosító rt, kumpannija rreġistrata taħt il-liġi Ungeriża (aktar 'il quddiem ir-"rikorrenti prinċipali fil-kawża C-312/06"), u l-Vas Megyei Közigazgatási Hivatal (Awtorità Amministrattiva tal-provinċja ta' Vas, aktar 'il quddiem il-"konvenuta prinċipali fil-kawża C-312/06") dwar pagamenti akkont skond taxxa lokali fuq in-negozju li din il-kumpannija ġiet ordnata tħallas f'dak li jikkonċerna s-snin finanzjarji li jispiċċaw, rispettivament, fil-15 ta' Settembru 2005 u fil-15 ta' Marzu 2006.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

L-Att ta' Adeżjoni

5 L-Anness X ta' l-Att ta' Adeżjoni, intotoltat "Lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 24 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni: L-Ungerija", jinkludi l-Kapitolu 4, intitolat "Il-Politika dwar il-Kompetizzjoni", li huwa relatat mal-Kapitolu 1 tat-Titlu VI tat-Trattat KE, dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni.

6 Taħt dan il-Kapitlu 4 hemm il-punt 3, intitolat "Għajnuna fiskali għall-awtoritajiet lokali", fejn il-punt a) jipprovdi:

"Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, l-Ungerija tista' tapplika, sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2007, riduzzjonijiet tat-taxxa fuq in-negozju lokali sa 2 % tal-bażi ta' l-irċevuti nett ta' l-impriżi, mogħtija mill-gvern lokali għal perijodu limitat ta' żmien abbażi ta' l-Artikoli 6 u 7 ta' l-Att Ċ ta' l-1990 dwar it-Taxxi Lokali, kif emendat bl-Artikolu 79(1) u (2) ta' l-Att L ta' l-2001 dwar l-Emenda tal-Liġijiet Finanzjarji, kif emendat bl-Artikolu 158 ta' l-Att XLII ta' l-2002 dwar l-Emenda ta' l-Atti dwar it-Taxxi, il-Kontribuzzjonijiet, u Pagamenti Oħra tal-Budget."

Is-Sitt Direttiva

7 L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-Komunità, b'mod partikolari dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ li għandhom x'jaqsmu ma' l-arranġementi ġenerali għaż-żamma, ċaqliq u ssorveljar ta' prodotti suġġetti għal dazju, din id-Direttiva ma żżommx Stat Membru milli jħalli jew idaħħal taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni, taxxi fuq imħatri u logħob, dazji ta' sisa, bolol u iktar ġenerali, kull taxxa, dazju jew obbligi li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala [ikollhom il-karatteristiċi ta'] taxxi fuq turnover [taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ] sakemm dawk it-taxxi, dazji jew obbligi, f'negozju bejn Stati Membri ma jdaħħlux formalitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim ta' fruntieri."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

8 Minn informazzjoni li tinsab fid-deċiżjonijiet ta' rinviju, jirriżulta li l-liġi C ta' l-1990 dwar it-Taxxi Lokali (a helyi adókról szóló 1990. évi C. törvényt, aktar 'il quddiem il-"liġi ta' l-1990") tawtorizza lill-komuni ta' l-Ungerija jistabbilixxu, fit-territorju tagħhom, taxxa lokali fuq in-negozju (helyi iparűzési adó, aktar 'il quddiem il-"HIPA").

9 Dejjem skond dawn l-indikazzjonijiet:

— Il-HIPA mhijiex taxxa ġenerali li tinġabar fuq it-territorju nazzjonali kollu, iżda taxxa lokali li t-twaqqif, it-tħassir u l-emenda tagħha jaqgħu taħt is-setgħa diskrezzjonali ta' l-awtoritajiet komunali;

— fil-komuni fejn din taxxa ġiet imwaqqfa, hija tolqot kull attività ekonomika eżerċitata b'mod permanenti jew temporanja fuq it-territorju tal-komun ikkonċernat, f'każ fejn il-persuna taxxabbli hija l-imprenditur;

— fil-każ ta' attività ekonomika permanenti, il-bażi ta' l-istima tat-taxxa hija magħmula mid-dħul mill-bejgħ nett li jikkorrispondi għall-beni mibjugħa jew għas-servizzi pprovduti matul perijodu determinat, imnaqqsa bil-prezz ta' produzzjoni ta' dawn il-beni, mill-valur tas-servizzi intermedjarji u mill-ispejjeż tal-materjali;

— fil-każ ta' imprendituri individwali u l-produtturi agrikoli żgħar, il-bażi ta' stima ta' l-imsemmija taxxa tikkorrispondi għall-bażi taxxabbli b'rata fissa stabbilita skond il-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-persuni miżjuda b'20 %;

— fil-każ ta' impriżi suġġetti għat-taxxa fuq in-negozju ssimplifikata (egyszerűsített vállalkozói adó), il-bażi ta' stima tal-HIPA tista' tikkorrispondi għal 50 % tat-taxxa fuq in-negozju ssimplifikata;

— l-awtorità komunali li stabbilixxiet il-HIPA tista' tagħti riduzzjonijiet jew vantaġġi fiskali oħra, li madankollu jistgħu jgawdu minnhom biss l-impriżi li l-bażi ta' stima ta' din it-taxxa ma taqbiżx HUF 2,5 miljun, jew ammont inqas minn dak eventwalment stabbilit mill-imsemmija awtorità;

— vantaġġ fiskali speċjali huwa previst fil-każ ta' żieda fin-numru ta' l-impjegati matul is-sena ta' taxxa (riduzzjoni mill-bażi taxxabbli b'HUF 1 miljun għal kull persuna impjegata);

— fil-każ ta' attività ekonomika permanenti, ir-rata annwali massima tal-HIPA hija stabbilita għal 2 %;

— il-persuni taxxabbli mhumiex marbuta li jiddikjaraw espressament l-ammont ta' HIPA fil-fatturi u fid-dokumenti ta' kontabbiltà; il-liġi ta' l-1990 m'għandhiex dispożizzjoni li tipprovdi l-possibbiltà li tnaqqas il-HIPA li hija eventwalment inkluża fil-prezz tal-beni jew tas-servizzi akkwistati mill-persuna taxxabbli;

— il-liġi ta' l-1990 ma tipprovdix espressament illi l-HIPA għandha tgħaddi fuq il-konsumatur, iżda din it-taxxa tista' tiġi inkluża fil-prezz imħallas mill-konsumatur;

— paralallament mal-HIPA, teżisti, fl-Ungerija, taxxa fuq il-valur miżjud (*általános forgalmi adó*), irregolata mil-liġi LXXIV ta' l-1992.

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Kawża* C-283/06

10 B'numru ta' deċiżjonijiet adottati matul is-sena 2005, il-konvenut prinċipali fil-kawża C-283/06 kkonferma d-deċiżjonijiet dwar l-ordni li jitħallsu ċerti pagamenti akkont bħala HIPA għas-sena 2005 mogħtija minn awtoritajiet komunali differenti kontra r-rikorrenti prinċipali fl-imsemmija kawża.

11 Il-konvenut fil-kawża prinċipali bbaża d-deċiżjonijiet tiegħu fuq l-Artikolu 41(1) u (2) tal-liġi ta' l-1990 kif ukoll fuq diversi digrieti lokali li jirrigwardaw it-twaqqif tal-HIPA. Huwa jikkunsidra li r-rikorrenti prinċipali fil-kawża C-283/06 irrikonoxxew l-obbligi fiskali tagħhom fir-rigward ta' din it-taxxa meta ppreżentaw dikjarazzjoni għal din it-taxxa u huma għalhekk marbuta li jħallsu pagament akkont ta' taxxa. F'uħud mid-deċiżjonijiet tiegħu, huwa rrifjuta l-oġġezzjoni skond liema, minħabba l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva, il-HIPA m'għandhiex bażi legali, peress li din hija taxxa li għandha l-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ.

12 Ir-rikorrenti prinċipali fil-kawża C-283/06 ressqu rikors kontra l-imsemmija deċiżjonijiet quddiem iz-Zala Megyei Bíróság (qorti reġjonali ta' Zala). Fis-sustanza, huma jsostnu li dawn id-deċiżjonijiet huma illegali, għar-raġuni li, minn Mejju 2004, huma mhumiex suġġetti għall-HIPA minħabba l-applikabbiltà diretta ta' l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva.

13 Il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma illi l-punt 3(a) tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness X ta' l-Att ta' Adeżjoni jista' jiġi interpretat fis-sens illi huwa jwaqqaf deroga provviżorja li tippermetti li tinżamm il-HIPA jew, għall-inqas, illi, billi jawtorizza sal-31 ta' Diċembru 2007 riduzzjonijiet tat-taxxa, il-partijiet kontraenti kienu aċċettaw temporanjament il-kompatibbiltà ta' l-imsemmija taxxa mad-dritt Komunitarju.

14 Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel ma' din il-fehma, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra illi kull domanda oħra tkun superfluwa. Fl-ipoteżi kuntrarja, hija tqis neċessarju li tinkiseb intrepetazzjoni tal-kunċett ta' taxxa li m'għandhiex il-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, skond l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva.

15 Huwa f'dan il-kuntest li z-Zala Megyei Bíróság iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-punt 3(a) tal-Kapitolu 4, ta' l-Anness X ta' l-[Att ta' Adeżjoni] [...] għandu jiġi interpretat fis-sens illi:

— ir-Repubblika ta' l-Ungerija kisbet deroga provviżorja li tippermettilha li żżomm il-[HIPA] jew li

— mal-possibbiltà li żżomm il-vantaġġi marbuta mal-[HIPA], l-Att ta' Adeżjoni rrikonoxxa wkoll id-dritt (provviżorju) għar-Repubblika ta' l-Ungerija li żżomm tassazzjoni fuq l-operazzjonijiet ekonomiċi?

2) Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fin-negattiv għall-ewwel domanda, [...] skond l-interpretazzjoni korretta tas-Sitt Direttiva [...], liema huma l-kriterji illi jippermettu li jiġi kkunsidrat li taxxa m'għandhiex il-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skond l-Artikolu 33 ta' [din] id-Direttiva?"

*Kawża C-312/06*

16 B'deċiżjoni adottata matul is-sena 2005, il-konvenuta prinċipali fil-kawża C-312/06 ikkonfermat id-deċiżjoni meħuda minn awtorità komunali kontra r-rikorrenti prinċipali fl-imsemmija kawża dwar ordni li tagħmel pagamenti akkont skond il-HIPA għas-snin finanzjarji li jintemmu, rispettivament, fil-15 ta' Settembru 2005 u fil-15 ta' Marzu 2006.

17 Din id-deċiżjoni, ibbażata fuq l-Artikoli 39(1) u 41(2) tal-liġi ta' l-1990 kif ukoll fuq l-Artikolu 8(1) tad-digriet lokali Nru 13/2003 (III.27), kienet immotivata mill-fatt illi, skond evalwazzjoni tal-HIPA matul in-negozjati ta' adeżjoni, ir-Repubblika ta' l-Ungerija kisbet, fl-Att ta' Adeżjoni, deroga dwar ir-riduzzjonijiet ta' din it-taxxa sal-31 ta' Diċembru 2007. Skond il-konvenuta fil-kawża C-312/06, wieħed jista' jiddeduċi mill-informazzjoni li tinsab fl-Att ta' Adeżjoni fuq il-kunċett ta' l-imsemmija taxxa li din ġiet approvata mill-Unjoni Ewropea.

18 Ir-rikorrenti prinċipali fil-kawża C-312/06 ressqet rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Vas Megyei Bíróság (qorti reġjonali ta' Vas). Hija sostniet illi din hija illegali, minħabba li l-HIPA hija taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ li ż-żamma tagħha mir-Repubblika ta' l-Ungerija wara l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea tmur kontra l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva u li ma tistax, wara kollox, tiġi kkunsidrata bħala provviżorjament awtorizzata mill-Att ta' Adeżjoni.

19 Dan ir-rikors ġie miċħud mill-Vas Megyei Bíróság, għar-raġuni, essenzjalment, illi l-għoti, mill-Att ta' Adeżjoni, ta' deroga provviżorja lir-Repubblika ta' l-Ungerija f'dak li jikkonċerna r-riduzzjonijiet tal-HIPA jfisser neċessarjament li l-Unjoni Ewropea aċċettat iż-żamma temporanja ta' din it-taxxa.

20 Ir-rikorrenti prinċipali fil-kawża C-312/06 ressqet appell quddiem il-Legfelsőbb Bíróság (qorti suprema) kontra d-deċiżjoni mogħtija mill-Vas Megyei Bíróság.

21 Il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma illi, jekk il-punt 3(a) tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness X ta' l-Att ta' Adeżjoni jista' jiġi interpretat fis-sens illi l-partijiet kontraenti għandhom, meta jagħtu deroga temporanja fuq ir-riduzzjonijiet mill-HIPA, jagħtu wkoll deroga

fuq din it-taxxa bħala tali, dan huwa għalhekk kompatibbli mad-dritt Komunitarju sal-31 Diċembru 2007. Bil-kontra, f'każ ta' interpretazzjoni f'sens kuntrarju, għandu jiġi ddeterminat, fid-dawl ta' l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva, jekk, abbażi tal-kriterji materjali essenzjali li din id-dispożizzjoni għandha, taxxa bħall-HIPA hija taxxa li għandha l-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Legfelsőbb Bíróság iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-punt 3(a) tal-Kapitolu 4, ta' l-Anness X ta' l-[Att ta' Adeżjoni] [...] jista' jiġi interpretat fis-sens li r-Repubblika ta' l-Ungerija kisbet deroga provviżorja li tippermettilha li żżomm il-[HIPA] jiġifieri fis-sens illi l-Att ta' Adeżjoni, meta jippermettliha li żżomm ir-riduzzjonijiet tal-[HIPA], irrikonoxxa d-dritt provviżorju għar-Repubblika ta' l-Ungerija li żżomm din it-tip ta' taxxa?

2) L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva [...] għandu jiġi interpretat fis-sens illi jipprojbixxi ż-żamma ta' taxxa (il-[HIPA]) applikabbli għal attivitajiet ta' profitt eżerċitati mill-impriżi u fejn waħda mill-karatteristiċi prinċipali tagħhom hija li hija żżid fuq id-dħul mill-bejgħ nett ta' impriżi mnaqqas bil-prezz ta' produzzjoni tal-merkanzija mibjugħa, bil-prezz ta' servizzi aċċessorji u l-ispejjeż tal-materji primi; fi kliem ieħor, din it-taxxa għandha tiġi kkunsidrata bħala taxxa li għandha l-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ li hija pprojbita minn din id-dispożizzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

23 Kif issuġġerew KÖGÁZ rt, E-ON IS Hungary kft, E-ON DÉDÁSZ rt, Schneider Electric Hungária rt, TESCO Áruházak rt, OTP Garancia Biztosító rt, OTP Bank rt u ERSTE Bank Hungary rt (aktar 'il quddiem, flimkien, "KÖGÁZ *et*"), il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, għandha tiġi eżaminata l-ewwel nett it-tieni domanda magħmula minn kull waħda mill-qrati tar-rinviju, dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva.

24 Fil-kawża C-283/06, din id-domanda tirrigwarda l-kriterji li jippermettu li tiġi identifikata tassazzjoni li m'għandhiex il-karatteristiċi ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skond l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva.

25 Meta tinqara fil-kuntest tagħha, l-imsemmija domanda tikkonċerna, bħal fil-każ tat-tieni domanda magħmula fil-kawża C-312/06, il-punt dwar jekk l-imsemmi Artikolu 33 għandux jiġi interpretat bħala li jippreskludi ż-żamma ta' taxxa li għandha l-karatteristiċi bħal dawk tal-HIPA.

26 Sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva, din id-dispożizzjoni għandha titqiegħed fil-kuntest leġiżlattiv tagħha. Għal dan il-għan, għandhom jiġu mfakkra, qabel kollox, l-għanijiet għaliex ġiet stabbilita sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (aktar 'il quddiem il-"VAT") (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Banca Popolare di Cremona, C-475/03, Ġabra p. I-9373, punt 18).

27 Mill-premessi ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 67/227/CEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU

1967, 71, p. 1301), jirriżulta li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ għandha tippermetti li jiġi stabbilit suq komuni li fih ikun hemm kompetizzjoni b'saħħitha u li l-karatteristiċi tiegħu jkunu analogi għal dawk ta' suq domestiku billi jiġu eliminati d-differenzi fl-impożizzjonijiet fiskali li jistgħu jħarbtu l-kompetizzjoni u jfixklu n-negozju (sentenzi tat-8 ta' Ġunju 1999, Pelzl *et*, C-338/97, C-344/97 u C-390/97, Ġabra p. I-3319, punt 14, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 19).

28 Is-sistema komuni tal-VAT ġiet stabbilita permezz tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u metodi ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 1967, 71, p. 1303) u permezz tas-Sitt Direttiva (sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Pelzl *et*, punt 15, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 20).

29 Skond l-Artikolu 2 ta' l-Ewwel Direttiva 67/227, il-prinċipju tas-sistema komuni tal-VAT jinvolvi l-applikazzjoni, fir-rigward ta' beni u ta' servizzi sa l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum li għandha tkun eżattament proporzjonali għall-prezz tal-beni u tas-servizzi, irrispettivament min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu saru waqt il-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni qabel l-istadju li fih titħallas it-taxxa (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Novembru 1985, Rousseau Wilmot, 295/84, Ġabra p. 3759, punt 15; tat-3 ta' Marzu 1988, Bergandi, 252/86, Ġabra p. 1343, punt 15; tat-13 ta' Lulju 1989, Wisselink *et*, 93/88 u 94/88, Ġabra p. 2671, punt 18; Pelzl *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 16, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 21).

30 Madankollu, f'kull tranżazzjoni, il-VAT hija imposta biss wara li jitnaqqas l-ammont tal-VAT li jkun laqat direttament il-kost tad-diversi elementi kostitwenti tal-prezz tal-beni u s-servizzi. Il-mekkaniżmu ta' tnaqqis huwa rregolat mill-Artikolu 17(2)

tas-Sitt Direttiva b'tali mod li l-persuna suġġetta għat-taxxa hija awtorizzata tnaqqas mill-VAT li hija għandha tħallas l-ammonti ta' VAT li jkunu diġà tħallsu qabel fir-rigward tal-beni jew servizzi b'tali mod li t-taxxa tolqot biss, f'kull stadju, il-valur miżjud u titħallas, b'mod definittiv, mill-konsumatur finali (sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Pelzl *et*, punt 17, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 22).

31 Sabiex tilħaq l-għan ta' ugwaljanza fil-kundizzjonijiet ta' impożizzjoni fuq l-istess operazzjoni, irrispettivament mill-Istat Membru li fih tkun twettqet din l-operazzjoni, is-sistema komuni ta' VAT kellha tieħu post, skond il-premessi tat-Tieni Direttiva 67/228, it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ fis-seħħ fid-diversi Stati Membri (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Pelzl *et*, punt 18, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 23).

32 Bl-istess loġika, is-Sitt Direttiva, fl-Artikolu 33 tagħha, tippermetti ż-żamma fis-seħħ jew l-introduzzjoni, minn Stat Membru, ta' taxxi, dazji u obbligi fir-rigward tal-kunsinna ta' beni, tal-prestazzjonijiet ta' servizzi jew ta' l-importazzjonijiet fil-każ biss li dawn it-taxxi, dazji u obbligi ma jkollhomx in-natura ta' taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati Pelzl *et*, punt 19, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 24).

33 Min-naħa l-oħra, id-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu, ma jinkludi ebda dispożizzjoni speċifika intiża li teskludi jew tillimita d-dritt ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu taxxi, dazji jew taxxi oħra barra t-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (sentenzi

Wisselink *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 13, kif ukoll tad-19 ta' Frar 1998, SPAR, C-318/96, Ġabra p. I-785, punt 21). Jirriżulta wkoll mill-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva li d-dritt Komunitarju jaċċetta l-eżistenza ta' sistemi ta' taxxa li jikkompetu mal-VAT (sentenzi Wisselink *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 14; tad-19 ta' Marzu 1991, Giant, C-109/90, Ġabra p. I-1385, punt 9, kif ukoll SPAR, iċċitata aktar 'il fuq, punt 21; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1986, Kerrutt, 73/85, Ġabra p. 2219, punt 22).

34 Sabiex jiġi evalwat jekk taxxa, dazju jew obbligu għandhomx il-karatteristiċi ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skond l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva, għandu jiġi mistħarreġ, b'mod partikolari, jekk l-effett tagħhom huwiex tali li jikkompromettu l-funzjonament tas-sistema komuni tal-VAT billi jagħmlu aktar diffiċli l-moviment ta' beni u ta' servizzi, u billi jolqtu t-tranżazzjonijiet kummerċjali b'mod komparabbli għal dak li jikkaratterizza l-VAT (sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Pelzl *et*, punt 20, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 25; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2000, EKW u Wein & Co, C-437/97, Ġabra p. I-1157, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, f'kull każ, għandhom jitqiesu bħala li jolqtu l-moviment ta' beni u ta' servizzi b'mod komparabbli għall-VAT dawk it-taxxi, id-dazji u l-obbligi li jkollhom il-karatteristiċi essenzjali tal-VAT anki jekk ma jkunux kompletament identiċi għall-VAT (sentenzi tal-31 ta' Marzu 1992, Dansk Denkavit u Poulsen Trading, C-200/90, Ġabra p. I-2217, punti 11 u 14; tad-29 ta' April 2004, GIL Insurance *et*, C-308/01, Ġabra p. I-4777, punt 32, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 26).

36 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva ma jipprekludix li tinżamm fis-seħħ jew li tiġi introdotta taxxa li ma jkollhiex waħda mill-karatteristiċi essenzjali tal-VAT

(sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Solisnor-Estaleiros Navais, C-130/96, Ġabra p. I-5053, punti 19 u 20; GIL Insurance *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 34, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat liema huma l-karatteristiċi essenzjali tal-VAT. Minkejja xi differenzi fil-kliem użat, mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta li dawn il-karatteristiċi huma erbgħa: l-applikazzjoni ġenerali tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li jkollhom beni jew servizzi bħala s-suġġett tagħhom; id-determinazzjoni ta' l-ammont tagħha proporzjonalment għall-prezz mitlub mill-persuna suġġetta għat-taxxa bħala ħlas għall-beni jew għas-servizzi pprovduti minnha; l-impożizzjoni ta' din it-taxxa f'kull stadju tal-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni, inkluż l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, irrispettivament min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu seħħew qabel; it-tnaqqis mill-VAT dovuta mill-persuna suġġetta għat-taxxa fuq l-ammonti mħallsa fl-istadji preċedenti tal-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni b'tali mod li din it-taxxa, fi stadju partikolari, tapplika biss għall-valur miżjud f'dak l-istadju u b'tali mod li l-piż finali ta' din it-taxxa jaqa' b'mod definittiv fuq il-konsumatur (sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 28).

38 Sabiex jiġu evitati riżultati li ma jaqblux ma' l-għan tas-sistema komuni tal-VAT kif imfakkar fil-punti 27 sa 34 ta' din is-sentenza, kull paragun tal-karatteristiċi ta' taxxa bħall-HIPA ma' dawk tal-VAT għandu jsir fid-dawl ta' dan il-għan. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-rekwiżit li n-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT tiġi ggarantita f'kull mument (sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 29).

39 Din il-kawża, peress li tirrigwarda, l-ewwel nett, it-tieni karatteristika essenzjali tal-VAT, għandu jiġi kkonstatat illi, filwaqt li l-VAT hija imposta fir-rigward ta' kull tranżazzjoni fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni u filwaqt li l-ammont tagħha huwa

proporzjonali għall-prezz tal-beni jew tas-servizzi pprovduti (sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 30), taxxa bħalma hija l-HIPA hija, għall-kuntrarju, stmata fuq id-differenza, ikkalkulata skond il-liġi li tirregola l-kontabbiltà, bejn id-dħul mill-bejgħ marbut mal-beni mibjugħa jew mas-servizzi pprovduti matul sena fiskali, minn naħa, u l-prezz ta' produzzjoni tal-beni mibjugħa, il-valur ta' servizzi intermedjarji u l-ispejjeż tal-materjal, min-naħa l-oħra.

40 Peress li din it-tip ta' taxxa kienet b'hekk ikkalkulata abbażi tad-dħul mill-bejgħ perjodiku, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat bi preċiżjoni l-ammont ta' din it-taxxa li eventwalment tgħaddi fuq il-klijent meta jsir kull bejgħ ta' beni jew kull servizz ipprovdut, fejn b'hekk ma tkunx sodisfatta l-kundizzjoni ta' proporzjonalità ta' dan l-ammont mal-prezzijiet tal-persuna suġġetta għat-taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Pelzl *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 25).

41 Barra dan, kif enfasizzat ukoll il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni fuq il-HIPA għandha, f'ċertu numru ta' każijiet, regoli ssimplifikati, ħafna minnhom fissi, ta' determinazzjoni tal-bażi ta' stima tat-taxxa b'riferenza kemm għall-bażi ta' tassazzjoni ta' taxxa oħra miżjuda b'perċentwali fiss (każ ta' l-imprendituri individwali u ta' produtturi agrikoli żgħar), kif ukoll preċentwali fiss ta' taxxa oħra (każ ta' impriżi suġġetti għal taxxa fuq in-negozju ssimplifikata).

42 F'dawn il-każijiet, il-bażi ta' stima tal-HIPA hija, b'mod ċar, stabbilita minn parametri oħra li mhumiex il-prezz tal-beni jew tas-servizzi mħallsa mill-klijenti (ara, b'anaolġija, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1992, Bozzi, C-347/90, Ġabra p. I-2947, punt 15).

43 Dawn ir-regoli partikolari jikontribwixxu sabiex tissaħħaħ in-nuqqas totali ta' relazzjoni ta' proporzjonalità bejn l-ammont imħallas mill-persuna taxxabbli bħala taxxa bħal ma hija l-HIPA u l-prezz tal-beni jew tas-servizzi pprovduti minn din il-persuna taxxabbli.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, taxxa bħal din ma tistax tiġi kkunsidrata bħala proporzjonali għall-prezz tal-beni jew tas-servizzi pprovduti.

45 Sussegwentment, fir-rigward tar-raba' karatteristika essenzjali tal-VAT, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, illi, filwaqt li l-persuna taxxabbli hija, skond l-Artikolu 17(2) tas-Sitt Direttiva, autorizzata biex tnaqqas mit-taxxa li hija responsabbli biex tħallas għal kull beni jew servizz użat għall-bżonnijiet ta' l-operazzjonijiet taxxabbli tagħha, f'dak li jikkonċerna s-sistema ta' dritt komuni tal-HIPA, it-tnaqqis, li jseħħ fl-istadju tad-determinazzjoni tal-bażi ta' stima ta' din it-taxxa, huwa limitat għall-prezz ta' produzzjoni tal-beni mibjugħa, il-valur tas-servizzi intermedjarji u l-ispejjeż tal-materjal.

46 Fid-dibattiti li saru matul is-seduta, jirriżulta illi, fir-rigward ta' servizzi pprovduti lill-persuna taxxabbli, l-ispejjeż li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli, bħal dawk tas-servizzi pprovduti minn subkuntratturi jew intermedjarji, jew ukoll dawk tas-servizzi li għalihom irrikorriet il-persuna taxxabbli u li min-naħa tagħha tipprovdi fl-istess forma lill-klijenti tagħha (servizzi "mhux mibdula") biss jistgħu jiġu mnaqqsa mill-imsemmija persuna taxxabbli mill-bażi taxxabbli tal-HIPA. Bil-kontra, l-imsemmija bażi ma tistax tiġi mnaqqsa sa limitu ta' l-ammont ta' spejjeż bħal dawk ta' servizzi ta' esperti jew dawk marbuta ma' servizzi li jkunu ġew ipprovduti lill-peruna taxxabbli għall-ħtiġijiet ta' l-attivtijiet tagħha u li din ma terġax idaħħalhom bl-istesss forma fil-katina ekonomika (servizzi "mixtrija").

47 Il-bażi ta' stima tal-HIPA għalhekk mhijiex limitata għall-valur miżjud ta' stadju partikolari tal-proċess ta' produzzjoni jew ta' distribuzzjoni, iżda tikkonċerna d-dħul mill-bejgħ globali tal-persuna taxxabbli, imnaqqas biss mill-fatturi identifikati fil-punt 45 ta' din is-sentenza (ara, b'analoġija, is-sentenza Pelzl *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 23).

48 Fit-tieni lok, huwa ċertament eżatt li l-eżistenza ta' differenzi fir-rigward tal-metodu ta' kif jiġi kkalkulat it-tnaqqis tat-taxxa li tkun diġà tħallset ma tistax teħles taxxa mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva jekk dawn id-differenzi jkunu pjuttost ta' natura ordni teknika u li minkejja dawn id-differenzi, din it-taxxa essenzjalment topera bl-istess mod bħall-VAT (sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 31).

49 Huwa wkoll veru illi, kif osservaw KÖGÁZ *et* u Vodafone, sabiex taxxa jkollha l-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, mhuwiex meħtieġ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija applikabbli għaliha tipprovdi espressament illi din it-taxxa tista' tgħaddi għand il-konsumaturi (sentenza tas-26 ta' Ġunju 1997, Careda *et*, C-370/95 sa C-372/95, Ġabra p. I-3721, punt 18) lanqas li l-imsemmija taxxa tissemma' b'mod separat fil-fattura li tingħata lill-klijent (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Dansk Denkavit u Poulsen Trading, punti 13 u 14, kif ukoll Careda *et*, punti 23 u 26).

50 Min-naħa l-oħra, taxxa li tolqot l-attivitajiet produttivi b'mod li ma jkunx ċert li hija titħallas, b'mod definittiv, mill-konsumatur finali, bħalma jkun il-każ fir-rigward ta' taxxa fuq il-konsum bħalma hija l-VAT, aktarx toħroġ mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva (sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 31).

51 F'dan il-każ, filwaqt li, permezz tal-mekkaniżmu ta' tnaqqis tat-taxxa previst fl-Artikoli 17 sa 20 tas-Sitt Direttiva, il-VAT hija imposta biss fuq il-konsumatur finali u hija perfettament newtrali fir-rigward tal-persuni suġġetti għat-taxxa li kellhom sehem fil-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni qabel l-istadju ta' impożizzjoni finali irrispettivament min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu seħħew (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-24 ta' Ottubru 1996, Elida Gibbs, C-317/94, Ġabra p. I-5339, punti 19, 22 u 23; tal-15 ta' Ottubru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-427/98, Ġabra p. I-8315, punt 209, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 32), l-istess ma jistax jingħad fir-rigward ta' taxxa bħall-HIPA.

52 Fil-fatt, kif osservat il-Kummissjoni, jirriżulta mill-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjonijiet tar-rinviju illi m'hemm l-ebda ċertezza li l-piż tal-HIPA huwa, b'mod definittiv, mgħoddi lill-konsumatur finali b'mod li huwa karatteristiku ta' taxxa fuq il-konsum bħall-VAT.

53 Il-qrati tar-rinviju jenfasizzaw ukoll illi, minħabba n-natura tagħha stess, il-HIPA mhijiex dejjem mogħddija fuq ħaddieħor. Huma jżidu illi, jekk dan ikun il-każ, ix-xerrej jista' ma jkunx jaf b'dan, fejn f'każ bħal dan it-taxxa li tgħaddi fuq il-prezz tal-beni jew tas-servizzi li jkun akkwista bħala persuna taxxabbli ma tagħddix fuq il-prezz tal-beni jew tas-servizzi illi huwa stess jipprovdi lill-kljienti tiegħu.

54 Wara kollox, kif enfasizza l-Gvern Ungeriż, peress li l-HIPA hija kkalkulata fuq id-dħul mill-bejgħ perjodiku, persuna taxxabbli ma tistax tiddetermina bi preċiżjoni la l-ammont tal-HIPA li jkun ġie inkluż fil-prezz ta' l-akkwist ta' beni jew servizzi (ara, b'analoġija, is-sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 33) lanqas il-proporzjon tal-HIPA li eventwalment jgħaddi fuq il-konsumatur fl-okkażjoni ta' kull kull bejgħ ta' beni jew provvista ta' servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Giant, punt 14, kif ukoll Pelzl *et*, punt 25).

55 Minbarra dan, kif osserva l-istess Gvern, jekk, bil-għan li tifrex il-piż tat-taxxa dovuta fir-rigward ta' l-attivitajiet tagħha stess fuq l-istadju segwenti tal-proċess ta' distribuzzjoni jew ta' konsum, persuna suġġetta għat-taxxa tinkludi dan il-piż fil-prezz tal-bejgħ tagħha, il-bażi ta' stima tal-HIPA tkun tinkludi, għaldaqstant, it-taxxa stess, b'tali mod li l-HIPA tkun b'hekk ikkalkulata fuq ammont stabbilit abbażi ta' prezz ta' bejgħ li diġà jinkludi t-taxxa li għandha titħallas (ara, b'analoġija, is-sentenza Banca Popolare di Cremona, iċċitata aktar 'il fuq, punt 33).

56 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jiġi preżunt li persuna suġġetta għall-HIPA li tbigħ lill-konsumatur finali tiegħu in kunsiderazzjoni, meta tistabbilixxi l-prezz tagħha, l-ammont tat-taxxa inkluż fl-ispejjeż ġenerali tagħha, il-persuni kollha li huma suġġetti għal din it-taxxa xorta ma jkollhomx il-possibbiltà li jifirxu jew li jifirxu kompletament il-piż tat-taxxa (ara, b'anaolġija, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Pelzl *et*, punt 24, kif ukoll Banca Popolare di Cremona, punt 34).

57 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fir-rigward tal-kartatteristiċi tagħha, taxxa bħall-HIPA, mhijiex maħsuba li tiġi mgħoddija lill-konsumatur finali bil-mod li huwa karatteristiku tal-VAT.

58 Fuq dan il-punt, taxxa bħal din hija differenti minn kontribuzzjoni bħal dik li tat lok għas-sentenza Dansk Denkavit u Poulsen Trading, iċċitata aktar 'il fuq, u li ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-sistema komuni tal-VAT fil-punt 14 ta' din is-sentenza, safejn din il-kontribuzzjoni kienet iddestinata li tgħaddi għand il-konsumatur finali, kif jirriżulta mill-punt 3 ta' l-imsemmija sentenza. Barra minn hekk din il-kontribuzzjoni hija miġbura fuq bażi ta' stima identika għal dik użata għall-VAT u li titħallas parallelament ma' din ta' l-aħħar, kif jirriżulta mill-punt 8 ta' l-imsemmija sentenza.

59 Għalhekk, anki jekk jiġi presuppost li, kif sostnew KÖGÁZ *et* u Vodafone, l-HIPA tkun tapplika b'mod ġenerali fil-komuni fejn ġiet imposta, din iċ-ċirkustanza ma tistax tkun biżżejjed li tikkwalifika taxxa bħal dik tat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skond l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva VAT, peress li din ma tolqotx it-tranżazzjonijiet b'mod simili bħal dak li jikkaratterizza l-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Pelzl *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

60 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jidher li taxxa li jkollha l-karatteristiċi bħala dawk tal-HIPA hija distinta mill-VAT b'mod li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala taxxa li għandha l-karatteristika ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skond l-Artikolu 33 (1) tas-Sitt Direttiva.

61 Ir-risposta għat-tieni domanda magħmula mill-qrati tar-rinviju għandha tkun li l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix imposta fiskali li tippreżenta l-karatteristiċi bħal dawk tat-taxxa in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel domanda magħmula minn dawn il-qrati fir-rigward tal-punt 3(a) tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness X ta' l-Att ta' Adeżjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

63 Peress li l-proċeduri għandhom, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qrati tar-rinviju, huma dawn il-qrati li jiddeċiedu fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1), kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, li tissupplementa s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali, għandu jiġi interpetat li ma jipprekludix iż-żamma ta' imposta fiskali li tippreżenta l-karatteristiċi bħal dawk tat-taxxa in kwistjoni fil-kawża prinċipali.**

Firem